**EŻAMIJIET ANNWALI TAL–*JUNIOR LYCEUM***
**U TA' L–ISKOLA SEKONDARJA 2008**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| IL–ĦAMES SENA | STORJA (Ġenerali) | ĦIN: Siegħa u tliet kwarti |
|---|---|---|

**Isem: ________________________________________ Klassi: ___________**

## A: Aqta' sing taħt it-tweġiba t-tajba.

1. Fil-Preistorja, il-bniedem:
   (a) ma kien jaf jagħmel xejn
   (b) kien jgħix fi bliet
   (ċ) ma kienx juża l-kitba
   (d) ma kienx imur minn post għall-ieħor

2. Il-bniedem għamel pass kbir 'il quddiem meta ma baqax nomadu (jiġifieri jiġri jfittex l-ikel, kaċċatur) imma sar ukoll bidwi (jiżra' r-raba' u jrabbi l-annimali). Dan il-progress importanti fl-istorja jissejjaħ:
   (a) ir-Rivoluzzjoni Xjentifika
   (b) ir-Rivoluzzjoni Neolitika
   (ċ) ir-Rivoluzzjoni Agrikola
   (d) ir-Rivoluzzjoni Industrijali

3. Fl-istampa ta' paġna 2 jidher Għar Dalam. Għar Dalam jinsab fil-limiti ta':
   (a) Ħal Millieri
   (b) Ħal Tarxien
   (ċ) Birżebbuġa
   (d) Marsaskala

4. L-eqdem fdalijiet preistoriċi fil-Gżejjer Maltin sibniehom f'Għar Dalam. Prinċipalment dawn il-fdalijiet jikkonsistu fi:
   (a) fdal ta' griebeġ jew djar
   (b) fdal ta' fossili ta' annimali li llum m'għadhomx jgħixu f'Malta
   (ċ) fdal ta' fuħħar Grieg u Ruman
   (d) fdal ta' tempju preistoriku

5. L-eqdem fdalijiet ta' griebeġ (djar żgħar) fil-Gżejjer Maltin sibniehom:
   (a) Għar Dalam
   (b) qrib it-Tempji Preistoriċi ta' Ħal Tarxien
   (ċ) fi Skorba qrib l-Imġarr Malta
   (d) qrib l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni

6. L-għerien tal-Mixta f'Għawdex u l-Oqbra tax-Xemxija Malta huma fdalijiet:
   (a) taż-Żmien Neolitiku
   (b) ta' Żmien ir-Ram
   (ċ) ta' Żmien il-Bronż
   (d) ta' Żmien il-Ħakma Kartaġiniża

**(6 x 1 = 6 marki)**

**B:** Għaliex taħseb li Għar Dalam huwa importanti għall-istudju tal-preistorja Maltija? (ikteb fil-qosor)



____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________ **(4 marki)**

**Ċ:** Wieġeb bl-għajnuna ta' l-istampi.










**Aqra**: It-tliet fdalijiet li qed tara fit-tliet stampi huma kollha **WORLD HERITAGE SITES**. Dawn ġew ikklassifikati hekk mill-U.N.E.S.C.O li hija għaqda fi ħdan il-Ġnus Magħquda. Il-pajjiżi fejn jinsabu dawn il-fdalijiet, jużawhom bħala simboli nazzjonali; jużawhom ħafna wkoll biex iħajru lit-turisti jiġu jżuru pajjiżhom.

**Wieġeb**:

1. X'qed tara fi stampa **numru 1**? ______________________ (1)

2. Ikteb isem il-pajjiż fejn jinsab fdal **numru 2**: ______________________ (1)

3. Ikteb isem il-pajjiż fejn jinsab fdal **numru 3**: ______________________ (1)

4. Liema mit-tliet fdalijiet huwa l-eqdem fiż-żmien? ______________________ (1)

5. It-tliet fdalijiet jinsabu madwar baħar importanti ħafna fl-istorja taċ-Ċiviltajiet. X'jismu dan il-baħar? ______________________ (1)

6. Wieħed minn dawn it-tliet fdalijiet jinsab fil-Gżejjer Maltin. X'qiegħed jagħmel pajjiżna biex jikkonserva u jippreserva dan il-fdal għall-ġenerazzjonijiet ta' warajna? (ikteb fil-qosor dwar dan)

(4 marki)

7. Għid ta' liema ċiviltà huma l-fdalijiet li jinsabu f'dawn l-ibliet u pajjiżi li ġejjin; il-fdalijiet kollha li ssemmi għandhom ikunu *World Heritage Sites*; imxi fuq l-eżempju mogħti:

| | **Belt jew Pajjiż** | **Ċiviltà** |
|---|---|---|
| **Eż** | **Paestum – Napli** | **Żmien il-Greċja tal-Qedem** |
| a | Agrigento (Sqallija) | |
| b | Sabratha (Libja) | |
| c | Kartaġni (Tuneżija) | |
| d | Alhambra (Spanja) | |

(4 marki)

8. Agħżel waħda minn dawn iċ-ċiviltajiet imsemmija f'numru 8 u ikteb paragrafu dwar din iċ-ċiviltà li għażilt.

(5 marki)

(Total Eż C = 18-il marka)

## D: Wieġeb bil-għajnuna ta' l-istampi.





1. Iż-żewġ stampi juruna l-fdalijiet ta' Tempju Megalitiku li sibna f'Għawdex. Kif inhu magħruf dan it-tempju?

______________________________________________
__________________________ (1)

2. Ħdejn liema raħal Għawdxi jinsab?

___________________________________________ (1)

3. Għaliex tempju bħal dan jissejjaħ MEGALITIKU?

______________________________________________
______________________________ (1)

4. Semmi żewġ TEMPJI MEGALITIĊI oħra li sibna f'Malta.

   (a) ________________________________________________

   (b) ________________________________________________ (2)

5. Dan it-tempju li jidher fl-istampa ġie skavat għall-ħabta ta' l-1827. Allura kemm ilu li nkixef minn taħt l-art? Aqta' sing taħt it-tajba.
   (madwar 100 sena; madwar 200 sena; madwar 500 sena; madwar 1000 sena) (1)

6. Jekk l-istess tempju jmur lura għal 3500 sena Qabel Kristu, kemm għadda żmien, bejn wieħed u ieħor sal-lum?
   ____________________________________________________________ (1)

7. Għaliex taħseb li iktar saritlu ħsara fiż-żmien qasir li ilu mikxuf, milli fil-perjodu twil li kien mirdum taħt it-trab?
   ______________________________________________________________________
   ________________________________________________________ (2)

8. Agħmel suġġeriment wieħed kif nistgħu ma nħallux li dan it-tempju megalitiku tkompli tiġrilu ħafna ħsara. ____________________________________________________________ (1)

9. Ikteb f'ordni kronoloġiku: *Żmien it-Tempji, Żmien il-Bronż, Żmien Neolitiku.*

   (a)_____________________________________________

   (b)_____________________________________________

   (c)_____________________________________________ (1)

10. Kif inhu magħruf ukoll Żmien it-Tempji? ______________________________ (1)

11. Sibna wkoll Ipoġew importanti ta' Żmien it-Tempji.
    (a) Kif inhu magħruf dan l-Ipoġew? ___________________________________ (1)

    (b) Fejn nistgħu narawh illum? ______________________________________ (1)

12. X'inhi d-differenza prinċipali bejn Tempju u Ipoġew?
_______________________________________________ (1)

(Total Eż D = 15-il marka)

## E: Wieġeb bil-għajnuna ta' l-istampa.



1. X'jissejħu l-fdalijiet li qed tara fl-istampa?
_______________________________ (1)

2. Ta' liema perjodu preistoriku huma dal-fdalijiet?
_______________________________ (1)

3. Semmi **tliet** fdalijiet oħra ta' l-istess perjodu.
(a) _______________________________
(b) _______________________________
(c) _______________________________ (3 marki)

(Total Eż E = 5 marki)

## F: L-identità tagħna l-Maltin.





Fir-ritratt jidhru t-tliet simboli magħżula biex jitnaqqxu fuq il-muniti ta' l-ewro.

Wieġeb:

1. Liema huma t-tliet simboli magħżula minn Malta għal fuq il-munita ta' l-ewro u li jidhru fl-istampa hawn fuq?
(a)_______________________________
(b)_______________________________
(c)_______________________________ (3)

2. Għaliex dawn is-simboli jistgħu jissejħu simboli Nazzjonali Maltin?
_______________________________________________
_______________________________________________ (2)

3. Semmi żewġ Simboli Nazzjonali Maltin oħra minbarra dawn ta' fuq l-ewro?
(a)_____________________ (b)_____________________ (2)

4. L-ewro meta sar il-munita uffiċċjali tal-Gżejjer Maltin?
_______________________________________________ (1)

5. Għid kif is-Simboli Nazzjonali Maltin jgħinu ħafna biex ikollna l-identità tagħna bħala poplu Malti.

______________________________________________________________________

____________________________________________________________ (2)

(Total Eż G =10 marki)

## G: Qabbel billi tikteb numri fil-kaxxi vojta.

(l-ewwel waħda mogħtija bħala eżempju)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | *Lembut fil-ġenb tal-bjut biex l-ilma tax-xita ma jċarċarx mal-ħitan u hekk ma jagħmilx ħsara* | Għorfa | |
| 2 | Griebeġ żgħar mibnija f'forma tonda fl-għelieqi; kienu jintużaw għall-għodda tal-bidwi | Dura | |
| 3 | In-nassaba jarmaw għall-insib f'din il-kamra żgħira mibnija mill-ġebel tas-sejjieħ | Ħorża | |
| 4 | Kamra fl-ewwel sular tar-razzett, b'setaħ quddiemha u titla' għaliha b'taraġ fuq barra | Ħitan tas-Sejjieħ | |
| 5 | Ġebla mħaffra biex mill-ħofra jgħaddi l-barmil meta kienu jimlew l-ilma mill-bjar | Mitħna | |
| 6 | Fejn jitrabba l-ħamiem | Razzett | |
| 7 | Fiha kienu jintaħan il-qamħ biex isir id-dqiq għall-ħobż | *Miżieb* | **1** |
| 8 | Id-dar tal-bidwi fl-antik | Barumbara | |
| 9 | Jintużaw biex jifirdu għalqa minn oħra | Giren | |

(8 marki)

## H: Ifli sew dawn iż-żewġ sorsi li ġejjin imbagħad wieġeb.

**Sors 1**:

"..... f'Malta hemm nuqqasijiet kbar, hemm nuqqas ta' kultura, nuqqas ta' art fertili għall-biedja, popolazzjoni fqira, ..........

imma Malta jridha kulħadd, Malta għandha portijiet perfetti u pożizzjoni strateġika mill-aqwa .... Malta tikkmanda t-toroq tan-navigazzjoni bejn l-Afrika u Sqallija.... Malta għandha importanza enormi, ferm ikbar mill-qisien żgħar tagħha....." *Darius, Istanbul 1604 A.D.*



Aqra: **Sors Numru 1** huwa meħud mill-*Histories of the Middle Sea* ta' Darius; Darius kien qiegħed jikteb fis-sena 1604 w.K; Darius kien storiku Tork fis-servizz tas-Sultan Achmet ġewwa Istanbul. **Sors Numru 2** huwa ritratt meħud f'Malta fis-sena 2007.

1. Skond Sors Numru 1, x'inhi r-raġuni prinċipali li Malta jriduha l-ġnus kollha?
   ______________________________ (1)

2. Semmi żewġ qawwiet li fil-passat ħakmu fuq il-Gżejjer Maltin.
   (a) ______________________________ (1)
   (b) ______________________________ (1)

3. Spjega fi kliemek xi tfisser meta ngħidu li "**Malta għandha pożizzjoni strateġika mill-aqwa".**
   ______________________________
   ______________________________ (2)

4. Semmi pajjiż li wera nteress li jieħu lil Malta taħt idejh imma ma rnexxilux.
   ______________________________ (1)

5. Fil-passat, sakemm ksibna l-Indipendenza fl-1964, għal-liema żewġ skopijiet minn dawn li ġejjin serviet Malta? (Aqta' sing taħt **it-tnejn** tajbin)
   - Ċentru fejn jitkabbar il-qamħ għall-esportazzjoni
   - Biex jittella' l-faħam minn ġol-minjieri
   - Bażi navali
   - Ċentru minn fejn jitgħabba l-faħam fuq il-vapuri
   - Biex jittella' l-petrol minn taħt il-baħar (2)

6. Semmi differenza prinċipali fl-ekonomija Maltija bejn illum u bejn is-snin meta konna parti mill-Imperu Ngliż.
   ______________________________
   ______________________________ (2)

7. Sors numru 2 jurina fortifikazzjoni importanti. X'jurina r-ritratt?
   ______________________________ (1)

8. Minn fejn taħseb li ttieħed dar-ritratt? Agħżel minn: Mellieħa, Żurrieq, Rabat Malta, Rabat Għawdex, Senglea jew Mosta. ______________________________ (1)

9. Għaliex taħseb li din il-fortifikazzjoni intużat mill-maġġoranza tal-qawwiet barranin li darba ħakmu fuq Malta?
   ______________________________
   ______________________________ (1)

10. Liema minn dawn l-avvenimenti li ġejjin għenu biex tiżdied l-importanza tal-**pożizzjoni strateġika** ta' Malta?
    - Il-ftuħ tal-Kanal ta' Swejs fl-1869
    - Il-Gwerra tal-Korea 1950
    - Ir-Rivoluzzjoni Franċiża
    - Il-Gwerra tal-Golf Għarbi (1)

(Total Eż I = 14-il marka)

**I: Komponiment**: Agħżel **waħda** u ikteb dwar is-suġġett magħżul
(Uża karta separata)

1. Ikteb dwar il-karatteristiċi tar-razzett Malti. Għid x'inhu l-użu ekonomiku tiegħu llum il-ġurnata.

2. Ikteb dwar it-Tempji Megalitiċi Maltin u l-Piramidi ta' l-Eġittu. Għid kif inhuma differenti minn xulxin. Għid ukoll kif Malta u l-Eġittu jibbenefikaw minn dawn il-fdalijiet imma jiffaċċjaw xi problemi simili meta jiġu biex jieħdu ħsiebhom.

3. Skond G Baldacchino fil-ktieb *NINVESTIGAW IS-SOĊJETÀ*, fl-1957, fil-Gżejjer Maltin kien hawn **11.1 $km^2$** ta' art meħuda għall-bini; fl-1995 dan l-ammont tela' għal **48.0 $km^2$**. Dan ifisser li l-kampanja qiegħda dejjem tonqos. X'tip ta' ħsara taħseb li ġab dan l-iżvilupp? Għid kif din il-ħsara tista' titwaqqaf. Għid għaliex għandha titwaqqaf. Għid kif il-karatteristiċi tal-kampanja jistgħu jgħinu biex il-kampanja ma tkomplix tonqos.

(20 marka)